# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

**ONOR.IMHALLEF**
**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Illum, 15 ta' April 2024**

**Rik. Gur. Nru.: 26/2019 JPG**
**Kawza Nru.: 19**

**MD**
**Vs**
**CO**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' MD, datat 29 ta' Jannar 2019 a fol 1 li jaqra hekk:

1. *Illi minn relazzjoni li l-partijiet kellhom flimkien twieldet il-minuri SH f'X u li ghalhekk illum il-gurnata ghandha X snin (ara certifikat tat-twelid hawn anness u mmarkat bhala Dok MD1);*
2. *Illi sa mill-bidu nett l-attrici kellha relazzjoni tajba hafna mal-minuri, tant li dejjem hadet hsieb lil istess bl-aqwa mod possibli w bejniethom tezisti rabta qawwija;*
3. *Illi fix-xahar ta' Dicembru tas-sena elfejn u sbatax (2017) l-attrici temmet ir-relazzjoni li din kellha mal-intimat u f' Jannar 2018 telqet mir-residenza li fiha kienet tabita mal-intimat gewwa l-Birgu, wara zmien twil li fih din ppruvat tiirkoncilja l-affarijiet ta' bejnithom, izda l-intimat ma kienx accetta d-decisjoni tal-attrici. Illi kien f'dan il-punt i l-intimat ppregudika l-ahjar interessi tal-minuri SH u ghadu jaghmel hekk sal-lum il-gurnata, il-ghaliex konsapevoli tal-bond qawwi bejn l-omm u l-bint, haseb li jpattiha lill-istess attrici billi cahhada mit-*

*tgawdija ta' bintha fl-istess waqt li cahhad l-istess bint mill-attrici ommha.*

4. *Illi wara hafna tghawwig u zvelar selettiv tal-fatti lil din l-Onorabbli Qorti ordnat li l-minuri ghandha tirrisjedi mal-missier bl-attrici giet akkordata access supervizjonat fl-Agenzija Appogg darbtejn fil-gimgha ghal saghtejn kull darba, digriet li bl-akbar rispett ma jirrispekkjax l-ahjar interess tal-minuri kif gie issa kkonfermat u konkluz f'rapport ricentissimu mhejji mill-Haddiema Socjali Daniela Darmanin u Andreanna Gellel fi hdan l-Agenzija Appogg datat id-29 ta' Novembru 2018, kopja hawn annessa w immarkata (Dok MD2);*
5. *Illi l-intimat ma jafx jerga r-responsabbilita tal-minuri. Jirrizulta li missier il-minuri ghandu problemi mentali sinifikanti u in effetti hawa kellu jiehu trattament appozitu ghall-istess, huwa f'ghemilu traskrat w rari kien jipprova jghati daqqa t'id lil attrici fit-trobbija tal-minuri fiz-zmien li l-partijiet kienu f'relazzjoni flimkien kif ser jintwera fit-trattazzjoni tal-kawza. Illi dan apparti li l-intimat ma huwiex kapaci jiehu hsieb l-bzonnijiet basici tal-minuri inkluz dawk rigward sahhet l-minuri u dawk igenici u dan ukoll kif ser jintwera matul it-trattazzjoni tal-kaz. Illi l-intimat lanqas ma huwa qieghed jipprovdi l-minuri bi spazju appozitu ghal irqad.*
6. *Illi l-minuri qieghda tigi esposta ghan-nisa li maghhom l-intimat ikollu relazzjonijiet varji u mhux stabbli kif ukoll qieghda tigi esposta ghal xeni li jistghu jikkorompu lill-istess minuri li ghad ghandha biss l-eta tenera ta' X snin kif ser jintwer tul il-kaz.*
7. *Illi ukoll u kif ser jintwera fit-trattazzjoni tal-kawza ix-xoghol li ghandu l-missier jghamilha difficli ghalih sabiex jipprepara lill-minuri ghal-gurnata skolastika filwaqt li dan qajla jaghti importanza lil attivitajiet l-minuri kollha wara l-iskola, inkluz il-museum u dan apparti x-xoghol tal-homework.*
8. *Illi apparti dan kollu l-minuri qieghda wkoll thoss in-nuqqas kbir ta' ommha kif esprimiet ruhha hi stess ripetutament waqt l-ftit hin ta-access supervzijonat li din qieghda tgawdi ma ommha u dan kif ser jintwera matul it-trattazzjoni tal-kaz;*
9. *Illi f'dan l-isfond inkwetatnti u abbazi tar-rakkomandazzjonijiet kontenuti fir-rapport tal-Agenzija Appogg tat-29 ta' Novembru 2017 jikkonkorru ragunijiet impellanti li jiggustifikaw fl-ghola interessi tal-minuri li l-attrici jkollha l-kura u kustodja esklussiva tal-minuri, filwaqt li jigu stabbiliti gudizzjalment kritjeri inekwivoci fir-rigward tal-access tal-intimat ghall-minuri, liema access jekk ikun il-kaz jigi assoggettat ghall-kontroll mill-awtoritajiet kompetenti in materja fl-interess tal-minuri li aktar ma ddum fil-kustodja tal-intimat aktar ser tkun esposta*

*ghall-influwenza u ghat-tahsir psikologiku mill-mard mentali li bih l-intimat huwa affett, kif ukoll ghal nuqqas ta' tharis lejn l-bzonnijiet taghha.*

10. *Illi l-proceduri ta' medjazzjoni ma kellhomx l-effett desiderat u l-partijiet gew debitament awtorizzati jipprocedu bil-kawza ordjerna permezz ta' digriet moghti minn din il-wisq Onorabbli Qorti*

*Ghaldaqstant u ghar-ragunijiet hawn fuq premessi, din l-Onorbabli Qorti ghandha taqta u tiddeciedi din il-kawza billi:*

1. *Takkorda l-kura u kustodja tal-minuri SH esklussivament f'idejn ir-rikorrenti MD;*
2. *Tiddikjara u tiddeciedi illi huwa fl-ahjar interess tal-minuri SH li tmur tghix permanentement ma' ommha r-rikorrenti;*
3. *Tiffissa somma adegwata bhala manteniment ghall-minuri SH li ghandu jkun pagabbli mill-intimat lill-attrici kull erbgha gimghat u tordna lill-istess intimat sabiex ihallas lill-attrici dik ir-retta alimentarja hekk likwidata tigi direttament mnaqqas kull erbgha gimghat mis-salarju jew qliegh mill-impjieg tieghu jew xoghol li huwa ghandu/jista jkollu jew bi standing order u tipprovdi dwar l-modalijtajiet li bih l-manteniment ghandu jigi rivedut u jawmenta kull sena biex jirrifletti z-zieda fl-gholi tal-hajja.*
4. *Tiddikjara illi kwalunkwe beneficcju socjali in konnessjoni mal-minuri SH inkluz childrens' allowance, ikun percepibbli esklussivament mir-rikorrenti.*
5. *Taghti kwalunkwe direttiva jew ordni fl-ahjar interessi tal-minuri SH i.*

*Bl-ispejjes tal-proceduri kollha quddiem l-Qorti Civili (Sezzjoni familja) u tal-medjazzjoni precedenti ghal dan ir-rikors kontra l-intimat li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.*

Rat li l-atti tar-rikors, d-dokumenti esebiti u d-digriet ta' din il-Qorti ġew debitament notifikati skond il-liġi;

Rat ir-risposta guramentata ta' CO datata 8 ta' Marzu 2019, a fol .. li taqra hekk:

1. *Illi l-partijiet kienu f'relazzjoni ta' madwar hmistax-il (15) sena u frott ta' din ir-relazzjoni twieldet il-minuri SH nhar X.*

2. *Illi r-relazzjoni tal-partijiet tkissret b'mod irrimedjabbli f'Dicembru 2017. L-*

*esponenti ma jaqbilx ma' dak mistqarr fir-rikors ġuramentat promotur fejn l-attrici sahqet li hi kienet ilha tirrikonċilja l-affarijiet ta' bejniethom u li l-esponenti ma aċċettax din id-decizjoni. Ir-relazzjoni spiċċat ironikament wara argument kbir li l-partijiet kellhom ghaliex l-esponenti kien staqsa lill-attrici jekk rieditx tiżżewweġ.*

3. *Illi d-dikjarazzjoni tal-attrici li l-esponenti dahhal fis-sehh pjan sabiex icahhad lill-minuri minn ommha hi kompletament infondata u ma ghandha ebda bazi fir-realta'.*
4. *Illi l-partijiet fethu proċeduri ta' medjazzjoni fl-istess żmien u t-tnejn li huma ppreżentaw rikorsi sabiex, forst affarijiet ohrajn, jiġi determinat fejn ghandha tirresjedi l-minuri. Tqabbad avukat tat-tfal li rrelatat dwar it-talbiet tal-partijiet u din l-Onorabbli Qorti ordnat li l-minuri tirrisiedi ma' l-esponenti, li r-rikorrenti ikollha aċċess f'granet u hinijiet stabbiliti mill-Qorti u, krucjalment, gie ordnat li matul l-access il-partner tar-rikorrenti ma kellux ikun preżenti.*
5. *Illi r-rikorrenti qatt ma aċċettat il-fatt li din l-Onorabbli Qorti ordnat li l-minuri tirresjedi mal-missier, kif kienet ilha taghmel ghal numru ta' ġimghat wara li r-relazzjoni taghhom tkissret, fl-istess post li t-tifla trabbiet sa minn ckunitha u, krucjalment skond ix-xewqat tal-minuri.*
6. *Illi aghar minn hekk, ir-rikorrenti bdiet sfaccatament tinjora dak esplicitament ordnat minn din l-Onorabbli Qorti ossia li l-access ma jsirx fil-presenza tal-partner. Il-minuri fethet qalbha ma' l-esponenti dwar kif kienet thossha u x'kien qieghed jiġri matul l-access u kien minhabba f'hekk li l-esponenti permezz ta' rikors, talab li jew l-access jiġi sospiż jew jibda jithaddan fil-bini ta' l-Agenzija Appogg.*
7. *Illi wara li thejja rapport ta' avukat tat-tfal (filatt, avukat differenti mill-ewwel darba), din l-Onorabbli Qorti ordnat li l-access isir taht superviżjoni fil-bini tal-Agenzija Appogg darbtejn fil-gimgha.*
8. *Illi l-esponenti jixtieq jemfasizza li hu qatt ma ried icahhad lill-bintu milli tara lil ommha. Ma ghandu ebda diffikultà li jsir dan, madankollu kellu u ghandu rizervi kbar dwar kemm ir-rikorrenti tista' tipprovdi ambjent xieraq ghall-minuri u thares l-interessi taghha, apparti l-opposizzjoni li ghad ghandu ghall-presenza tal-partner tal-istess omm f'hajjet il-minuri. Di fatti, anke r-rapport tal-Agenzija Appogg anness mar-rikors ġuramentat promotur gie osservat li ma kienx ghadu l-waqt li l-partner tal-omm jiġi introdott mal-minuri.*
9. *Illi mill-bqija, u kif ser jiġi ampjament ippruvat matul il-mori tal-kawza, ir-rikors ġuramentat promotur huwa mifni b'allegazzjonijiet inveritiera u gratuwiti.*
10. *Illi di piu, l-esponenti huwa tal-fehma li qieghed jipprovdi ambjent li jhares ahjar*

*interessi tal-minuri kif ilu jaghmel issa wahdu ghal aktar minn sena u konsegwentement qieghed jippreżenta l-kontro-talba relattiva.*

*Ghaldaqstant u in vista tas-suespost, l-esponenti umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti* ***tichad*** *it-talbiet kollha tar-rikorrenti.*

*Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti li hi minn issa ngunta ghas-subizzjoni.*

Rat il-kontro-talba ta' CO datata 8 ta' Marzu 2019, li taqra hekk:

1. *Illi l-partijiet kienu f'relazzjoni ta' madwar hmistax-il (15) sena u frott ta' din ir-relazzjoni twieldet il-minuri SH nhar X.*
2. *Illi r-relazzjoni tal-partijiet tkissret f'Dicembru 2017. Meta kienu ghadhom flimkien, il-partijiet u l-minuri kienu jirrisjedu fl-appartament mikri lill-esponenti. Ghal ftit ġimghat wara li r-relazzjoni spiċċat, il-minuri qed tghix mal-omm izda primarjament fuq insistenza tal-minuri stess, bdiet tghix mal-esponenti fi Frar 2018.*
3. *Illi f'Marzu 2018 il-partijiet bdew proċeduri ta' medjazzjoni u t-tnejn li huma ghamlu rikors sabiex jiġi dikjarat ma' min ghandha tirresjedi l-minuri. Ghal dan 'l ghan inhatret avukat tat-tfal li rrelatat dwar dawn it-talbiet u eventwalment , din l-Onorabbli Qorti ordnat li l-minuri ghandha tirresjedi mal-esponenti, stabbiliet aċċess ghall-minuri lir-rikonvenzjonata omm u ordnat b'mod speċifiku li matul dan l-access ma jkun preżenti l-partner tal-istess rikonvenzjonata.*
4. *Illi l-minuri spjegat lill-esponenti li r-rikonvenzjonata bdiet sfaccatament tinjora din  l-ordni. Aghar minn hekk, il-minuri assolutament ma kienitx komda tkun fil-presenza tal-istess partner u kien ghalhekk li l-esponenti talab li l-access jiġi sospiż jew li jibda jithaddan taht is-supervizjoni tal-Agenzija Appogg . Ghal dan l-ghan, din l-Onorabbli Qorti hatret avukat tat-tfal ohra sabiex tirrelata u in vista tar-rapport tal-istess avukat tat-tfal, ordnat li l-access jibda jsir darbtejn fil-gimgha taht superviżjoni.*
5. *Illi r-rikonvenzjonata qatt ma setghet taċċetta d-digriet moghtija minn din l-Onorabbli Qorti. Kien evidenti li fil-fehma taghha, it-tifla bilfors trid tghix mal-omm u li ebda devjazzjoni minn din in-norma ma hi accettabbli ghaliha. Konsegwentement, ebda ftehim fil-medjazzjoni ma seta' jintlahaq.*
6. *Illi kif ser jiġi ampjament ippruvat matul il-mori tal-kawza, l-esponenti ampjament*

*jista' jipprovdi ambjent xieraq u li jhares l-interessi tal-minuri kif appena ghamel matul din l-ahhar sena wara li din l-Onorabbli Qorti ordnat li l-minuri ghandha tirresjedi mal-esponenti.*

7. *Illi ghalkemm fir-rikors ġuramentat promotur ir-rikonvenzjonata pengiet lilha nnifisha bhala paragun ta' x'ghandu jkun ġenitur, dan huwa ferm 'l boghod mir-realta' kif ser jirrizulta waqt il-gbir tal-provi.*
8. *Illi r-rikonvenzjonata ma kellha ebda interess tipprovdi ghall-manteniment tal-minuri meta din bdiet tirresjedi ordinarjament mal-esponenti u kien biss wara li nhareg digriet f'Awwissu 2018 li r-rikonvenzojnata bdiet tivversa manteniment ta' mitejn Ewro (200) fix-xhar. Sal-lum il-gurnata ghad hemm arretrati ta' manteniment u qatt ma harget ċenteżmu ghall-ispejjez ta' sahha u edukazzjoni tal-minuri.*

*Ghaldaqstant u in vista tas-suespost, l-esponenti umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex, fl-ahjar interess tat-tifla minuri:*

1. *Tafda l-kura u l-kustodja tal-minuri SH esklussivament f'idejn l-esponenti, CO;*
2. *Tiddikjara li l-minuri SH ghandha tirresjedi mal-esponenti, CO;*
3. *Tiffissa retta alimentari dovuta lill-esponenti mir-rikonvenzjonata ghall-bzonnijiet tal-minuri SH, liema somma ghandha tinkludi fiha s-sehem tar-rikonvenzjonata ghall-ispejjez ta' sahha u edukazzjoni tordna lir-rikonvenzjonata thallas dik is-somma hekk iffissata u taghti dawk l-ordnijiet u provvedimenti opportuni sabiex l-istess retta tiżdied perjodikament l-gholi tal-hajja.*
4. *Tordna li tali retta alimentari tkun tista' tinqata' mill-paga tar-rikonvenzjonata.*
5. *Tiddikjara li kwalunkwe benefiċċju soċjali relatati mal-minuri SH tkun percepibbli esklussivament mill-esponenti.*

*U dan salv kull provvediment iehor xieraq u opportun li din l-Onorabbli Qorti joghgobha timponi sabiex thares l-ahjar interessi tal-minuri .*

*Bl-ispejjez kontra r-rikonvenzjonata li hi minn issa ngunta ghas-subizzjoni.*

Rat ir-risposta guramentata ta' MD datat 22 ta'MArzu 2019 (a fol 22) ghal-kontro talba ta' CO:

1. *Illi l-ewwel talba rikonvenzjonali hija opposta stante li mhux fl-ahjar interess tal-*

*minuri li tigi fdata fil-kura u l-kustodja ta' CO kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kaz;*

2. *Illi t-tieni talba rikonvenzjonali hija ukoll opposta stante li lanqas ma huwa fl-ahjar interess tal-minuri li din tirrisjedi mar-rikonvenjonant CO kif ser jintwera waqt it-trattazzjoni tal-kaz;*
3. *Illi stante l-ewwel u t-tieni eccezzjonijiet suespost lanqas m'ghandhom jigu akkolti it-tielet r-raba u l-hame stalbiet maghmula mir-rikonvenzjonant izda ghandhom f'dan ir-rigward jigu akkolti it-tielet u raba talbiet hekk kif indikat fir-rikors promotur.*

*Salv eccezzjonijiet ulterjuri permessi mill-ligi u bl-ispejjes kontr al-intimat rikonvenjzonant.*

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id digriet taghha datat 19 ta' Gunju 2019, vide fol 122 (Verbal);

Rat l-atti u d-dokumenti kollha esebiti;

Semghat it-trattazzjoni;

**Ikkonsidrat:**

**Daniela Darmanin**, *Co-ordinator* fit-Taqsima *Court Services* u *Social Worker* tal-access that Supervizjoni fi hdagg l-Agenzija Apogg, **xehdet in ezami nhar l-10 ta'April 2019** (*vide fol 26 et seq*) fejn stqarret illi ghalkemm hija ma tkunx presenti f'SAV *sessions*, hija is-social worker li ssegwi l-kaz. Tikkonferma illi l-access isir nhar ta' Tlieta u nhar ta' Gimgha ghal saghtejn kull darba. Tispjega illi dan l-access beda minn Ottubru tas-sena 2018 u tirrileva illi l-access kien dejjem regolari minn naha taz-zewg partijiet. Tixhed illi l-omm kienet ilha ma tara lit-tifla ghal gimghat, xhur shah, u kien hemm relazzjoni sabiha hafna bejn l-omm u t-tifla, u jidher li hemm bond qawwija hafna. Izzid illi fil-bidu tas-session l-omm u l-minuri kienu jippjanaw li ha jaghmlu xi *games* izda tant kienu jintilfu fil-fsied, jitghannqu u jirrakuntaw x' gara lil xulxin li xhin kienu jindunaw li s-session waslet biex tispicca jindunaw li lanqas biss lahqu laghbu dawn il-games. Tirrileva illi huwa evidenti li l-minuri thobb hafna kemm lill ommha u anke lil missierha. Tixhed li l-omm tipprepara ruhha hafna u anke ggib l-ikel ghat-tifla u filfatt jiftehmu mis-sessions ta qabel u gieli gabet lasagna, ross il-forn, *chicken pies*, u li minn kollox tippjana

ghat-tifla. Ix-xhud tispjega illi l-omm ghandha *parenting skills* tajbin hafna u hija prattika hafna ukoll.

Tirrileva illi hemm hafna imhabba bejn l-omm u l-minuri u li jixtiequ li jqattghu hafna iktar hin flimkien. Fi zmien il-Milied, il-minuri kienet talbet lil *Father Christmas* biex tkun iktar mal-omm, gieli anke kitbu ittri lil xulxin. Fir-rigward tal-omm tispjega illi dejjem tigi fil-hin, tisma milli jghidulha u anke tikkopera hafna. Tixhed illi kien hemm xi *supervisors* li wara s-*session* kienu jistaqsuha ghalfejn din il-mara tara lill-minuri taht *supervision* u li kien hemm ukoll xi hadd li ddeskrivihom bhala zewg *magnets* li ma joqghodux minghajr xulxin.

Fir-rigward il-rapport, tikkonferma illi dak indikat fir-rapport huwa minn *feedback* li inghata lilha mis-*supervisors* kollha li kellhom involvivment fil-kaz. Taccenna ghall-informazzjoni li inghata ghar-rigward l-igene personali tal-minuri, u cioe li kien hemm drabi li meta kienu jidhlu fil-bathroom l-*underwear* tal-minuri kien ikun mahmug u li kien ukoll drabi fejn il-minuri kienet tghid li kienet ilha ma tinhasel. L-omm kienet tkun kkoncernata hafna fuq dan u kien ukoll innutat li t-tifla kienet qiesha tigi bejn haltejn x'ghandha tghid biex tipprotegi liz-zewg genituri.

Izzid illi meta kienu tkellmu maz-zewg genituri fil-bidu b'mod separat biex jispjegawlhom is-servizz, il-missier qatt ma tkellem b'mod hazin fuq l-omm u meta staqsietu ghalfejn spiccaw hawn, il-missier spjega illi filwaqt li huwa jafda l-omm, huwa ma jafdax lill-familjari taghha habba illi hu qal li dawn "jaghmlu borma u jdumu jieklu erbat ijiem minnha." Semma ukoll illi t-tifla ma tixtieqx li tiltaqa' mal-*partner* tal-omm u meta staqsiet jekk hux ghax hemm xi problema ta droga jew alcohol, hu nnega izda qal li t-tifla qiesu tara lill-*partner* bhala l-kagun ta' dak li fired lil ommha u lil missierha minn xulxin. Izzid illi dan il-*partner* gieli cempel waqt il-*visits* u li t-tifla kelmitu minn jeddha u gieli anke baghtet *videos* minghajr suggeriment minn hadd. Tispjega illi l-istess gara fil-konfront tan-nannu matern, illi minkejja li l-missier dejjem sahaq illi l-minuri ma tixtieqx li tiltaqa man-nannu, fil-bidu n-nannu kien icempel u il-minuri gieli uriet li ma xtaqitx tkelmu pero' imbaghad minn jeddha kienet tmur quddiem il-*camera*, in-nannu jibda jiccajta maghha u tibda tkun genwinament qieghda tidhak u tiehu gost fil-presenza tieghu.

Tixhed illi kienet anke marret tkellem lill-minuri l-iskola fejn staqsietha jekk xi hadd kienx qalilha biex tghidilha certu diskors u kien hemmhekk illi l-minuri ammettiet li kienet giet ippreparata mill-papa' taghha u li hija tixtieq li tmur ghand il-mama izda insistiet li tixtieq li l-*partner* tal-omm ma jkunx prezenti. Tispjega li kienet bdiet tfassal pjan mal-minuri biex fil-

*weekend* hija tkun mal-omm izda meta x-xhud kelmet lil missier fuq dan kien qal li jixtieq li jimxu mad-digriet tal-Qorti u ghalhekk komplew bl-access b'supervizjoni.

Mistoqsija jekk effettivament hemmx xi ragunijiet ohra ghajr dak li semma l-missier, tispjega illi l-missieri dejjem insista illi hu ma ghandux diffikulta bl-attrici pero' jinkwieta ghaliex l-omm titlaq il-barra u thalli lill-minuri man-nanniet wahedhom u ghalhekk xtaq li l-access ikun supervizjonat. Ix-xhud terga' tirrimarka illi hemm il-possibilita' li l-minuri qeghda tigi influwenzata bhal ma ammettiet hi stess u filfatt darba minnhom kienet staqsiet lis-*support worker* jekk il-papa' huwiex qieghed wara l-bieb jisma dak li kien qieghed jinghad. Taghmel referenza ukoll ghal episodju meta l-minuri ddahlet l-isptar u l-omm kienet thalliet lejl shih maghha, fejn l-omm kienet staqsietha illi la hija giet afdatha lejl shih wahida mat-tifla l-isptar, ghaliex trid taraha taht supervisjoni.

In **kontro-ezami** ix-xhud tikkonferma illi l-access kien ilhu jigi ezercitat sitt xhur u tikkonferma illi hija ma tkunx prezenti waqt l-access. Tikkonferma illi l-haddiema li jkunu prezenti waqt l-access taht supervizjoni jaghmlu rapport lilha bil-miktub. Tikkonferma illi huma jitkellmu mal-genituri qabel biex jispjegaw is-servizz u r-regoli taghhom. Ix-xhud tikkonferma illi l-access beda ghal habta ta' Ottubru u li hija tkellmet mal-missier qabel dan l-access u tispjega illi huma ma jaghtux *feedbacks* lill-missier ghaliex huma mqabbdin mill-Qorti u jaghtu dan il-*feedback* lill-Qorti biss. Izzid pero' illi l-missier kien jaf li t-tifla tkellmet maghha u li tixtieq li tmur ghand ommha fil-*weekends* u filfatt f'punt minnhom kienet tkellmet mal-missier u ghalkemm il-missier dejjem insista illi jimxu ma' dak li ridet il-minuri, meta kienu waslu fi ftehim biex ghal gid tal-minuri l-access flok isir l-Appogg, isir fil-vincinanzi biex anke forsi jkunu jistghu jmorru jixtru, imorru *playground* johorgu ftit u ma jaghmlux saghtejn hemm gew, il-missier li kien cempilha wara l-ewwel sessjoni li ma xtaqtx li jkomplu b'dan il-mod ghaliex fil-vicinanzi hemm in-nannu matern.

Ghar-rigward il-kwistjoni tal-igene tal-minuri, tikkonferma illi kienet dahlet nota ghar-rigward u li l-missier kellu kopja ta' din in-nota. Mistoqsija jekk sarux *visits* fir-residenza tal-missier twiegeb li dawn ma sarux ghaliex huma kienu inkarigati biex jipprovdu *supervised access* u li l-*school visit* saret ghaliex intalbet mill-missier u bil-permess tal-istess missier. Mistoqsija jekk l-omm ghamlitx allegazzjonijiet fil-konfront tal-missier, ix-xhud tikklarifika illi l-omm kienet koncernata fuq dak li bdiet tara bhal ma kienu kkoncernati huma. Tikkonferma illi fil-bidu r-rapporti kienu jkunu illi z-zarbun mhux is-*size* taghha, u li kbir ghaliha, l-igene tal-minuri u dan l-affarijiet gew irrappurtati lilha minghand is-*social workers* l-ohra. Fir-rigward l-episodju ta'

meta l-minuri ddahlet l-isptar, hija semmiet dak li qaltilha l-omm waqt il-*visits*. Mistqosija jekk tafx li kien hemm allegazzjoni li saret minn naha tal-minuri li meta t-tifla kienet tidhol fil-kamra tal-banju, kien hemm okkazzjonijiet fejn il-*partner* tal-omm kien jidhol mat-tifla fil-kamra tal-banju twiegeb li hija ma tafx b'din allegazzjoni. Mistqosija wkoll jekk tafx li l-minuri kienet giet mitkelma minn zewg avukati tat-tfal differenti, twiegeb fl-affermattiv u cioe li hija taf b'dan izda l-kontenut tar-rapport tal-avukat tat-tfal ma wasalx ghandhom.

**Raisa Compagno, supervisor mal-agenzija Appogg fi hdan is-servizz Courts u SAVs xehdet fl-10 ta'Mejju 2019 in ezami** (*vide fol 55 et seq)* fejn spjegat illi ilha f dan is-servizz mit 23 ta' lulju tas-sena 2018 u tkun supervisor waqt l-access. Tispjega illi hija kienet prezenti waqt xi access bejn l-omm u l-minuri kien ikun access ta saghtejn mill-hamsa tas-sebgha u li l-omm u l-minuri kienu jqattghu l-hin taghhom flimkien daqqa jilghabu u daqqa jpingu. Tixhed illi filwaqt li bidu tal-access kienu joqodghu jitkellmu u jpingu fl-ahhar ghaxar minuti kienu jghidu *bye* lil xulxin jitghanqu jitfiesdu flimkien. Mistoqsija fuq il-bond bejn l-ommu l-minuri tirrileva illi hija tarah bond tajjeb hafna, illi l-access dejjem kien ikun wiehed pozittiv. Tikkonferma illi qatt ma nnutaw biza da parti tal-minuri anzi dejjem hassitha komda. Izzid illi l-minuri dejjem giet bla problemi ghall-access u li l-omm dejjem irrispettat il-hin tal-vista u li dejjem kienet tghid lill-minuri li hu importanti li jzommu l-hin tal-vista. Tikkonferma illi meta kienet tkun hi prezenti, l-omm dejjem giet fil-hin anzi kienet tasal ftit qabel biex jilhqu jippreparaw u filfatt dejjem giet preparata b'affarijiet minn qabel peress li gieli kienu jiftehmu mill-vista ta qabel bhal *doughnuts* tal-*oreos, toys,* ikel u waqt il-vista kienet taghti l-hin taghha lit-tifla u ma kienitx toqghod fuq il-*mobile*. Ghar-rigward ilbies u *hygiene* tat-tifla ix-xhud tirrimarka illi il-minuri dejjem kienet tkun libsa sew u nadifa u tikkonferma illi hija bdiet taghmel dawn il-*visits* minn fl-14 ta' Dicembru 2018. Mistoqsija jekk tafx meta beda l-access supervisjonat, twiegeb fin-negattiv.

Mistoqsija dwar ir-rapport ta Novembru 2018, ix-xhud tindika illi hija ma ratux dan ir-rapport izda li hija rat biss ir-rapporti taghha li hija tghaddihom lil Daniela Darmanin.

In **kontro-ezami** tikkonferma illi l-minuri tingieb ghall-access minn missierha u li dejjem titwassal fil-hin u li kien jigi ghaliha l-missier. Mistqosija jekk qattx kien hemm komunikazzjoni bejnha u l-missier, ix-xhud twiegeb illi huma jevitaw komunikazzjoni wara l-vista u allura huma qatt ma jaghtu *feedback* ta' kif tkun il-vista.

**Rebecca Vassallo, Supervisor mal-Appogg, xehdet in ezami fl-10 ta' Mejju 2019** *(vide fol*

*49A et seq)* fejn spjegat illi xehdet illi hija dahlet f'Dicembru 2018 2. Tispjega illi hija giet involuta fil-kaz tal-minuri ricentement, b'dana illi l-ewwel darba kienet fit-8 ta' Frar 2019 u kienet involuta tlett darbiet fil-*visits*. Tixhed illi r-relazzjoni bejn il-minuri u l-omm hija wahda tajba hafna u li l-omm dejjem tipprepara hafna affarijiet ghal visit bhal ikel, darba minnhom ghamlu l-*coconut balls* flimkien, u darba anke ghamlu *slime* u li l-minuri tidher li ghandha relazzjoni tajba hafna mal-omm, jitkellmu hafna u jisimghu d-diski u jitfisdu hafna ukoll. Izzid illi l-minuri dejjem tidher komda u li hi qatt ma kellha ghalfejn tintervjeni u li fil-verita hi semplicement taghmel *supervision* u cioe tkun presenti.

Tirrileva illi gieli semghat lill-minuri tistaqsi l-ommha ghalfejn m'ghadhiex tghix maghha, jew li tixtieq tqatta' hafna iktar hin maghha. Izzid illi fl-ahhar tal-visit joqghodu jghoddu l-granet ta' meta ser terga tara lill-ommha. Ix-xhud tikkonferma li hemm *closeness* kbira bejn il-minuri u l-omm. Ix-xhud tixhed illi hija tirraporta lil Daniela Darmanin u li hija anke rat ir-rapport mhejji minn Daniela Darmanin. Fir-rigward ta' jekk qattx osservat li l-minuri kienet qeghda tkun influwenzata minn qabel fuq x'ghandha tghid, ix-xhud tirrileva illi darba osservat illi waqt li kienu qed jilghabu loghoba l-omm staqsiet lill-minuri liema kienet l-gurnata favorita taghha u il-minuri rrispondiet li kienet dik meta tiltaqgha mal-omm wara bdew jilghabu forma ta' *Truth or Dare* u bdew jistaqsu xi mistoqsijiet lil xulxin u l-omm staqsiet lill-minuri jekk timmissjahhiex u jekk thobbiex u l-minuri donna tfixklet x'kienet ser tghid u mal-hin baqghet tidher li qieghed ghadha mfixxkla u qisha thossa *guilty* ghaliex f'hin minnhom qiesha b'rasha "*she nodded no"*.

In **kontro-ezami** mistoqsija kif taf li l-minuri bdiet thossha guilty, ix-xhud tikkonferma illi hija ma kelmitx lit-tifla u li dan huwa dak li osservat.

**Saviour Sammut, Kap tal-Iskola taz-Zejtun Primary A, xehed in ezami fid-19 ta' Gunju 2019** (*vide fol 85 et seq*) fejn stqarr illi huwa ilhu minn Settembru li assuma l-kariga ta' Kap tal-iskola taz-Zejtun Primary A. Ix-xhud filwaqt li prezenta r-*record* ta attendenza tal-minuri, *learning reports* etc, u rapport bl-osservazzjonijiet maghmula mill-ghalliema tal-klassi tal-minuri u huma. Ix-xhud jispjega illi l-minuri tattendi regolari u tkun puntwali, rispettuza ma' shabha u fil-kitba u l-qari qeghdin jaraw progress tajjeb u titjieb fil-livell. Izzid illi tfal li jkunu ghaddejjin minn sitwazzjoni simili ghal dik tal-minuri ikunu affetwati emottivament u gieli jitraskruaw ftit lilhom nfushom illi pero f'dak li huwa akkademiku it-tifla qed turi progress u anke f'integrazzjoni mal-*peers* taghha.

Jikkonferma illi qatt ma kien hemm il-htiega li jcemplu lill-genituri minhabba xi problema fir-rigward tal-minuri.

In **kontro-ezami** ix-xhud jixhed illi kien hemm perjodu fejn kien hemm *concern* fuq l-igene personali tat-tifla u kien hemm zewg verzjonijiet tal-genituri u li din il-materja inqalghet qabel ma ha l-kariga. Illi fil-prezent ix-xhud jiddikjara illi huwa ghamel kumment li l-igene tal-minuri tista tkun ahjar.

**Pauline Bowman xehdet nhar id-19 ta' Gunju 2019 in ezami** *(vide fol 89 et seq)* fejn spjegat illi hija tgahllem il-katekizmu l-Birgu. Tixhed illi l-minuri tattendi b'mod regolari ghall-muzew u li rari falliet u cioe f'Ottubru tas-sena 2019. Ix-xhud tikkonferma illi hija ma tghallimhix pero pprezentat rapport tal-Katekist li tghallimha. Ix-xhud tispjega illi l-minuri hija tifla bil-ghaqal, nadifa, u pulita dejjem u t-tifla qatt ma falliet.

**L-intimat CO xehed permezz ta' affidavit** *a fol 130* fejn jispjega illi hu u l-attrici kienu ilhom flimkien ghal madwar hmistax- il sena u li din ir-relazzjoni intemmet f'Dicembru 2017. Illi minn din r-relazzjoni twieldet il-minuri SH fil- 15 ta' Ottubru 2011. Jispjega illi matul ir-relazzjoni taghhom qabel ma kellhom it-tifla huma kienu jikru appartament f'Birzebbuga. Illi eventwalment huma marru jirrisjedu f'Marsascala. Illi sakemm kienu jghixu Marsascala twieldet il-minuri. Izzid illi l-ittra tal-avukat ezebita minn MD kienet maghmula biss biex tiggwadanja kemm tista f'beneficcji socjali u mhux minnu li hu ma kienx qed jiehu hsiebha. Illi sussegwentement marru jirrisjedu f'zewg appartamenti ohra, b'dana illi l-attrici dejjem tibdel l-indirizz fuq il-karta tal-identita u ta' l-intimat dejjem baqghet fuq i-residenza ta' missieru u dan minkejja li kienu qeghdin jghixu flimkien mat-tifla. Ghamlu xi zmien jirrisjedu fl-appartament mikri lill-missier l-intimat il-Birgu. Illi meta ntemmet ir-relazzjoni bejn il-partijiet huwa kien ghamel xi gimghat f'Mater Dei u fl-Isptar Monte Carmeli u waqt dan il-perjodu il-minuri kienet qeghda tghix mal-attrici ghand in-nanniet materni. Wara li huwa gie rilaxxat huwa mar lura l-appartament wahdu u kien f'dak il-perjodu li l-minuri wriet ix-xewqa li tmur tghix mal-intimat missierha.

Wara li l-minuri marret tirrisjedi mal-missier, nfethu proceduri ta' medjazzjoni u saru rikors separati ghar-rigward ir-residenza tal-minuri. Illi l-Qorti innominat ukoll zewg Avukati tat-Tfal u minn hemm gie ordnat illi l-minuri ghandha tirrisjedi mal-missier b'access favur l-omm u li dan l-access ma kellhux isir fil-presenza ta' terzi persuni. Illi l-intimat isostni illi minkejja dan id-divjet, il-*partner* tal-attrici kien ikun xorta wahda prezenti b'dana illi certu diskors li sar mill-

minuri beda jinkwieta lill-intimat. Illi minn hemmhekk, l-intimat intavola rikors sabiex jitwaqqaf l-access jew sabiex l-access isir wiehed taht supervizjoni. Illi minn hemmhekk l-access beda jsir taht supervisjoni. L-intimat isostni illi wara dan id-digriet, kien sab zewg karozzi minn tieghu vandalizzati.

Jispjega illi meta kienu ghandhom flimkien l-attrici kienet tiehu lill-minuri maghha fuq il-post tax-xoghol u zzommha maghha ir-restaurant sas-sieghat bikrin ta' filghodu. Dan kien isir minn wara dahar l-intimat meta huwa kien ikun xoghol ta' billejl. Jispjega illi meta kienu ghadhom flimkien it-tifla kient thalliha biss m'omm l-intimat jew maz-zija tal-intimat u qatt ma kienet tafda lill-minuri ma qrabatha. Fl-affidavit tieghu l-intimat isostni illi l-attrici qeghda tirrisjedi f'post tal-Gvern flimkien mal-*partner* taghha u fejn anke jorqdu ulied il-*partner* taghha. Izid ukoll li sakemm kienu ghadhom flimkien, kien hemm okkazzjonijiet fejn it-tifla marret bla *homework* u dan waqt li kienet qeghda tiehu hsiebha l-attrici. Illi jirrileva illi kemm ilhu jiehu hsieb lill-minuri hu, il-minuri qatt ma naqset milli taghmel il-*homework* u l-ghalliema qeghdin ifahhru l-progress tat-tifla u dan kuntrarjament ghas-snin ta' qabel fejn l-ghalliema kienu jigbdulhom l-attenzjoni li t-tifla tkun ghajjiena fil-klassi u dan minhabba li l-attrici kienet tohodha maghha x-xoghol.

Jispjega illi l-minuri tqum fis-7:00am, tiehu *breakfast,* tbiddel u wara jehodha ghand iz-zija tieghu certu Romina Farrugia li toqghod iz-Zejtun u dan kif kien isir meta l-partijiet kienu ghadhom flimkien u filfatt kienu ghazlu l-iskola taz-Zejtun ghaliex kienu qablu li jkun ahjar li l-minuri tkun fi skola vicin omm l-intimat. Illi l-intimat jixhed illi huwa jigbor lill-minuri wara x-xoghol, johodha ghall- attivitajiet jew ghall-access, jipprepraw xi haga x jieklu, tinhasel u toroqd ghal xi 21:30. Ghar-rigward l-partner tieghu, ix-xhud jispjega illi din ma tghix maghhom u li r-relazzjoni tat-tifla mal-partner hija wabda tajba. Izid illi dak li qalet il-minuri lill-attrici kien biss fuq insistenza da parti tal-omm sabiex hija tpattihielu minhabba dak li kien qal fil-konfront tal-*partner* taghha. Jinnega illi huwa kien qieghed jghawwi lill-minuri kontra ommha u li kienet it-tifla li ghalzet li tmur tghix mieghu. Jirrileva ukoll illi hija l-attrici li qeghda taghmel pressjoni fuq il-minuri biex tmur tghix maghha u li din il-pressjoni qeghda ggieghel lit-tifla thossa mdejqa meta jkollha l-access mal-omm.

**L-attrici MD xehdet nhar it- 23 t'Ottubru 2019** *(vide fol 107 et seqq.)* fejn filwaqt li kkonfermat l-affidavit taghha tispjega illi mhuwiex minnu li l-minuri dejjem ghexet fir-residenza tal-intimat izda li huma l-ewwel kienu jghixu f'residenza bl-isem Lay Lay, sussegwentement f'abitazzjoni ohra bl-isem St Mary, iehor bl-isem Mavis u wara marret mal-genituri taghha. L-

attrici isostni illi ghalkemm kien hemm granet fejn l-intimat kien jorqod hemm, qatt ma ghex hemmhekk, u li hi u t-tifla kienu jkunu granet shah wahidhom. Izzid illi kien f'Marzu tas-sena 2017 illi ghamlu zmien jghixu flimkien meta l-intimat ha l-post ta' missieru izda hi harget minn hemm f'Jannar tas-sena 2018.

Ix-xhud tirrileva ukoll illi meta hija kellha dsatax(19)- il sena huma kienu krew post flmkien Birzebbugia qabel ma kellhom it-tifla u hemmhekk kienu jghixu flimkien. Sussegwentement meta ghalqet 20 marret fil-post bl-isem Lay Lay fejn harget tqila. Illi wara li twieldet it-tifla, l-intimat kien qieghed imur jorqghod ghand ommu ghaliex hu kellu jqum kmieni filghodu ghax-xoghol. Illi iktar ma beda jghaddi iz-zmien inqas bdew jarawh minhabba ragunijiet ta' xoghol. Tirrileva illi kienet decisjoni tal-intimat li jhalli l-karta tal-identita tieghu bl-indirizz tal-Birgu sabiex meta jigi nieqes missieru il-post idur fuqu. Ghar-rigward skola, l-attrici tispjega illi meta kienet titkellem man-nies kienu jghidulha illi l-iskola taz-Zejtun kienet ahjar minn ta' Wied il-Ghajn.

In **kontro-ezami** tikkonferma illi il-postijiet li kienet tikri kienet tikrihom hi u kienu l-familja taghha li anke kienu jghinua b'mod finanzjarju. Izzid illi l-intimat qatt ma kkontribwixxa b'mod finanzjarju anke meta kienu jghixu Birzebbugia u kien biss meta marru jghixu l-Birgu li kien jaghtiha circa hames mitt ewro biex tqassamhom izda minhabba glied li kien jinqala fuq l-infiq ta' dawn il-flus, ma baqa jaghtiha iktar flus. Ghar-rigward it-tifla, l-attrici ssostni illi kienet hi li twassal u tigbor lit-tifla mill-iskola u li filfatt hi u z-zija tal-intimat kienu jigbru lit-tfal flimkien. L-attrici izzid illi hi kien jirnexxilha tigborha u twassalha dejjem peress li hi kienet tahdem fil-*weekends*, is-Sibt u l-Hadd u fiflatt kienet tkun hi li twassal lill-minuri ghall-attivitajiet taghha.

**Romina Farrugia**, **iz-zija tal-intimat xehdet permezz ta' affidavit** *a fol 145 et seq* u rrilevat illi hi u l-attrici kienu inqabdu tqal f'daqqa u li dejjem kellhom relazzjoni tajba. Peress illi t-tfal taghhom kienu ta' l-istess eta, dawn qishom trabbew flimkien. Meta SH kienet waslet biex tibda l-iskola, tispjega illi MD u CO kienu ddecidew li jirregistraw lill-minuri Zejtun b'dana illi ikunu vicin in-nanniet paterni peress li l-attrici kienet tafda lilhom iktar minn familtha stess. Tispjega illi r-rutina li qeghdin ihaddmu hi u l-intimat hija l-istess sistema li ilha tithaddem minnhom ghal madwar sena u nofs, fejn l-intimat iwassal lill-minuri ghandha ftit qabel it-8:00am u hi twasallhom ghall-iskola, tigborhom hi u wara x-xoghol l-intimat jigbor lill-minuri. Ix-xhud tiddikjara illi t-tifla ma jonqosha xejn u qatt ma lmentat li mdejqa. Izzid ukoll illi l-minuri ghandha relazzjoni tajba mat-tifel taghha u anke gieli sejjahlu huha.

**Jessica Mackay, il-partner tal-intimat xehdet permezz ta' affidavit** *a fol 147*, fejn tirrileva illi hija ilha f'relazzjoni mal-intimat ghal madwar sena u li t-tnejn li huma ghandhom ir-residenzi rispettivi taghhom, tant li filwaqt li l-intimat jghix il-Birgu hija tghix il-Belt. Tispjega illi hija giet introdotta lill-minuri bil-mod il-mod u kien biss wara li l-minuri bdiet tidraha li bdiet tmur id-dar tal-intimat. Illi llum il-gurnata isostni illi ghandha relazzjoni tajba mal-minuri u illi l-minuri accettatha fil-hajja taghha, tafdaha u tkellimha fuq kollox, u taraha kwazi kuljum. Ix-xhud tispjega illi hija ghandha tlett itfal u huma kollha hbieb mal-minuri bint il-partijiet u li bint ix-xhud il-kbira tqis lil SH bhala ohtha. Tixhed illi gieli tkun hija li tikkomunika mal-attrici u gieli nnutat illi meta t-tifla tigi minghand l-attrici, spiss tkun bil-guh u gieli il-*homework* ma jkunx lest. Taghmel accenn ghall-episodju fejn wara l-access il-minuri giet b'ghajnejha minfuha peress li gidmitha zunzana darbtejn. Meta affrontat lill-attrici dwar ir-raguni il-ghaliex ma ttihditx l-*polyclinic*, l-attrici qaltilha li ma hasbitx li kienet daqshekk serja. Illi x-xhud tirrileva illi peress li l-intimat ghandu allergija ghat-tingiz taz-znanzan, ma setghatx temmen kif l-attrici ma hadet l-ebda prekawzzjoni.

***In kontro-ezami l-intimat CO nhar is-6 ta' Marzu 2020*** *(vide fol 140 et seq)* mitlub jispjega kif intemmet ir-relazzjoni tieghu mal-attrici, l-intimat jispjega illi f'*boxing day* tas-sena 2017, kienet qaltu li r-relazzjoni taghhom ser tieqaf hemm habta u sabta. Fuq suggeriment li l-attrici kienet ilha tghidlu li ma tixtieqx tkompli bir-relazzjoni taghhom, l-intimat jinnega li qatt qaltli hekk. Ix-xhud jichad li qabel *boxing day 2017* l-attrici kienet semmitlu li tixtieq li ittemm ir-relazzjoni taghhom u li din id-decisjoni taghha giet habta u sabta. L-intimat jikkonferma illi dakinhar u cioe f'*boxing day* ma kienx hadha sewwa u li kienu l-familja ta' MD li waqfuh milli jaghmel kummiedji. Illi f'punt minnhom l-intimat jispjega li intilef minn sensieh u cemplu ghall-ambulanza u dan wara li ha l-kalmanti u xorob fuqhom. L-intimat pero jinnega li l-attrici u l-familja taghha offrewlu l-assistenza. Illi minn hemm l-intimat jirrileva illi huwa ghamel xahrejn l-isptar Mount Carmel. Izid illi fil-bidu l-attrici kienet tiehu lit-tifla tarah imma imbaghad lejn l-ahhar ma baqghax jaraha. L-intimat jikkonferma illi dak iz-zmien it-tifla kienet izommha l-attrici u li hu jafdaha lill-minuri mal-attrici, izda mal-*partner* tal-attrici ma jafdahix. Izid illi kien hemm drabi fejn il-minuri ma kienitx trid tmur ghall-access, u l-attrici lanqas pruvat tikkonvinciha biex tmur u wara jircievi telefonata mill-ghassa li sar rapport kontrih.

Illi l-intimat jerga' jaghmel accenn ghall-episodju fejn it-tifla kienet qalet li l-*partner* t'ommha dahal jaghmel uzu mill-kamra tal-banju waqt li l-minuri kienet qeghda fl-istess karma tinhasel u li anke kienu tkellmu mal-Pulizija ghar-rigward. L-intimat jerga' jistqarr illi kienet decisjoni tat-tifla li hija tirrisjedi ma' missierha u li filfatt kien rega xtralha kollox mill-gdid bl-ghajnuna

tal-familja tieghu. Izid illi l-attrici kienet tipprovokah biex isawwatha u li ser tizzewweg u tiehu lit-tifla u ttiha kunjom il-*partner* u li meta kienu jitkelmu fuq it-tifla l-attrici kienet tara x'taghmel biex tirrabjah.

**L-intimat CO riprodott nhar il-15 ta'Jannar 2021 in kontro-ezami** *(vide fol 163 et seq),* mistoqsi dwar rapport li kienet saret referenza ghalih mill-intimat stess, l-intimat jinsisti lli huwa kien diga pprezenta dan ir-rapport fil-bidu tal-proceduri flimkien mar-*recordings.* Jixhed illi l-*mobile* li kien irrekordja bih llum ma jezistix. Mistoqsi dwar l-arrangamenti li kellhom hu u l-attrici, l-intimat jispjega illi mal-gurnata il-minuri kienet tkun mal-attrici u wara li jigi hu mix-xoghol, l-attrici kienet tmur ghax-xoghol fl-ghaxijiet. Izid illi nhar ta' Gimgha, Sibt u Hadd kienet tkun ix-xoghol u t-tifla kienet tkun mieghu. L-intimat jispjega illi l-attrici kienet tibda xoghol minn nhar ta' Erbgha minn xis-6pm, b'dana illi mis- 6pm l'quddiem kien jiehu *over* hu. Jispjega ukoll illi meta huwa kien jinzerta xoghol fil-weekend, kienu jiehdu lill-minuri ghand iz-zija tieghu Romina, izda meta Romina ma kienitx tkun tista' zzomm lill-minuri, l-attrici kienet tohoda maghha x-xoghol flok kienet tohodha *off*. L-intimat jinsisti illi ghalkemm kien hemm drabi fejn il-minuri kienet tkun primarjament mal-omm, kien hemm drabi ukoll fejn il-minuri kienu jiehdu hsiebha omm l-intimat u z-zija tieghu dan minhabba x-xoghol tal-attrici.

Mistoqsi fuq ix-xoghol tieghu, l-intimat jixhed illi huwa xufier u li qabel il-covid huwa ukoll kien jahdem ta' xufier. Jispjega illi huwa jibda fis-sebgha u jahdem sal-erbgha imma ghamel arrangement ma' l-imghallem tieghu biex jidhol fit-tmienja u li dan l-arrangament ghamlu mill-bidu net. Jichad illi huwa jiehu lill-minuri filghodu kmieni ghand iz-zija tieghu. Ghar-rigward il-*homework*, ix-xhud jispjega illi ikun hemm drabi fejn il-*homework* tilhaq tlestih sakemm tkun ghadha ma' Romina u gieli kien hemm drabi fejn tlesta ukoll mal-omm waqt il hin taghha tal-access u meta ma tilhaqx tlesti tlestih mieghu.

**Romina Farrugia in kontro-ezami nhar il-15 ta' Jannar 2021 (vide fol 173 et seq)**, tikkonferma illi hija z-zija tal-intimat u li ghandha tifel tampar il-minuri li anke qeghdin fl-istess klassi. Ix-xhud tixhed illi hija kienet spiss tiltaqgha mal-attrici. Ix-xhud tirrileva illi meta il-partijiet kienu ghadhom flimkien, hija ma kienet tara xejn hazin fl-attrici u li anke kienu hbieb. Tikkonferma illi meta t-tfal bdew l-iskola, l-attrici kienet tahdem f'restaurant f'Marsaxlokk u li filfatt l-attrici kienet anke tahdem filghodu. Konfrontata li effettivament l-attrici kienet tahdem filghodu l-gurnata tal-Hadd biss, ix-xhud tirrileva illi ma kienitx tahdem filghodu kuljum u li gieli wasslet lill-minuri sal-iskola hija stess. Mistoqsija meta l-intimat igib lill-minuri, tispjega illi huwa jgib lill-minuri bejn is-sebgha u nofs u t-tmienja, imbaghad imur ghaliha x'hin jispicca

mix-xoghol xi tlieta u nofs jew l-erbgha. Rigward *homework*, tixhed illi l-minuri tibdih maghha u tkompli ma' missierha imma gieli tilhaq tlestih u gieli anke haditu ghand ommha ukoll. Mistoqsija dwar ix-xoghol tal-intimat, tispjega illi huwa ghadu jahdem fil-*construction* u li hu jwassal lill-minuri u jibqa' sejjer ix-xoghol. Konfrontata bis-suggeriment illi fil-c*onstruction* jibda xoghol hafna iktar kmieni u li t-tifla jgibha fid-dlam, tinnega u tixhed illi l-minuri tkun mqajma, u lesta bl-uniformi bil-*lunch* b'kollox u li hi kemm taqbad u twassalhom.

**Jessica Mckay in kontro-ezami nhar il-25 ta' Marzu 2021,** *(vide fol 180 tar-rikors 26/2019/1)* tikkonferma illi hija issa ha taghlaq tlett snin mal-intimat u li hija giet introdotta lit-tifla b'mod gradwali u li bejn wiehed u iehor hija bdiet tigi introdotta lill-minuri wara sitt xhur. Ix-xhud tikkonferma illi normalment fit-8:30pm hija tkun ghadha ghand l-intimat alavolja hija ma tghix mieghu. Tikkoncedi illi hija tkun hafna hemmhekk u anke taghmel il-facendi tad-dar u filfatt uliedha jkunu maghha id-dar tal-intimat. Ix-xhud ghal darba ohra tikkonferma illi hija tghix il-Belt u l-intimat jghix il-Birgu u li huma hadu din id-decisjoni biex it-tfal taghhom ikollhom l-ispazji taghhom u li effettivament meta jsirilha l-hin, hija tmur tingabar fid-dar taghha ma' uliedha.

***L-intimat prezenta affidavit ulterjuri (vide fol 235 et seq)*** fejn spjega illi minn meta inbdew il-proceduri legali odjerni, l'hawn, is-sitwazzjoni ikkalmat b'dana illi la l-intimat u lanqas l-attrici ma regghu ghamlu rapport iehor mal-Pulizija. Illum il-gurnata il-partijiet qieghdin jimxu mad-digriet tal-Qorti kemm fir-rigward l-access u kif ukoll fir-rigward il-hlas tal-manteniment. L-unika dizgwid hija rigward il-presenza tal-*partner* tal-omm, u dana peress li t-tifla ma tridx tiltaqa' mal-*partner* tal-omm, AM. Il-minuri taghmilha cara mal-omm illi meta ser tilataqgha mal-omm, l-imsemmi AM m'ghandux ikun prezenti. It-tifla isemmi illi hi kienet tidejjaq meta kienet tara lill-ommha u lil dan AM jaghtu hafna bews u tghanniq, u anke meta l-imsemmi kien jidhol fil-kamra tal-banju waqt li l-attrici omm kienet tkun qiegheda tahsel lill-minuri. Illi fil-prezent il-minuri tattendi l-iskola primarja taz-Zejtun, b'dana illi filghodu il-minuri titwassal mill-intimat ghand zijtu, Romina Farrugia, fejn din twassalha l-iskola u tigborha ukoll. Kif l-intimat jispicca mix-xoghol, ghal habta tal-4pm huwa jigbor lill-minuri minghand zijtu u jmorru lura d-dar, jaghmlu l-*homework* u jsajjar ghalih u ghall-minuri.

***L-attrici xehdet ukoll permezz ta' affidavit (vide fol 239 et seq)*** u spjegat illi r-relazzjoni taghha mal-intimat bdiet meta hi kellha biss hmistax (15) – il sena u ta' circa dsatax (19)- il sena kienu marru joqghodu flimkien gewwa post mikri. Kien fis-sena 2011 meta hija harget tqila bit-tifla li imbaghad twieldet fil-15 ta' Ottubru 2011. Sostniet illi r-relazzjoni taghha u tal-intimat bdiet

sejra lura minn meta twieldet it-tifla u dana peress li l-intimat ma gharafx ir-responsabbilitajiet tieghu u dan minkejja l-attrici taghtu diversi opportunitajiet sabiex jaghmel dan. Spjegat illi r-relazzjoni taghha mal-intimat ghall-genituri taghha ma kienitx wahda tajba ghaliex l-intimat ma kienx jitrattaha sew, u kienet l-attrici biss li kienet iggor il-piz tal-hajja, tant illi l-intimat ma kienx jikkontribwixxi wisq anke finanzjarjament.

F'Dicembru tas-sena 2017, hija ddecidiet li ttemm ir-relazzjoni taghha mal-intimat u dan, minkejja t-theddid u l-biza li kellha. Tul il-process biex jigi determinat ma' min ghandha tirrisjedi l-minuri, l-intimat kien beda jghawwi lill-minuri kontra taghha, u kontra l-genituri taghha, u kif ukoll kontra l-*partner* taghha. Dan gie ukoll ikkonfermat mill-haddiema socjali fi hdan l-Agenzija Appogg fir-rapport tad-29 ta' Novembru 2018. Illi segwew imbaghad allegazzjonijiet serji fil-konfront tal-partner taghha, li kien wettaq atti indicenti quddiem binthom, izda qatt ma ttiehdu proceduri ulterjuri dwar dan mill-awtoritaijiet. Ziedet illi l-minuri kienet stqarret maghha illi kienet giet preparata dwar dak li kellha tghid lill-haddiema socjali. Tishaq illi l-intimat juzaw lill-minuri biex ipattihilha talli waqfet ir-relazzjoni taghhom, meta il-minuri ma kienx jonqosha xejn maghha u dan kuntrarjament ghal dak li qieghed jigri mal-missier, fejn il-minuri qieghda tithalla wahedha kemm fl-ghaxijiet u anke filghodu, fatt li l-attrici vverfiikat meta tmur biex tigbor lill-minuri filghodu.

Isostni illi l-minuri esprimiet ix-xewqa li tmur tghix mal-omm, u issa wasal iz-zmien sabiex l-omm tkun tista tintegra iktar lill-minuri fil-hajja taghha.

***GD, missier l-attrici xehed permezz ta affidavit (vide fol 245 et seq)*** u rrileva illi huwa ma kellux pjacir bir-relazzjoni ta' bintu mal-intimat, anke peress li ma kienx iqis lill-intimat bhala bniedem affidabbli. Wara li kellhom lit-tifla, l-attrici kienet qasmet qalbha maghhom rigward problemi finanzjarji li kellhom u dana peress li l-intimat ftit li xejn kien jikkontribwixxi ghall-ispejjes tal-hajja. Illi ukoll l-intimat kien jaghmel granet u anke iljieli ‘l boghod mid-dar. Illi filfatt fis-sena 2016, l-attrici marret lura tghix maghhom flimkien mal-minuri. Minikejja li imbaghad kien hemm prejodu fejn l-attrici kienet regghet marret tirrisjedi flimkien mal-minuri mal-intimat gewwa propjeta l-Birgu, ma damitx wisq ghaliex is-sitwazzjoni baqghet dejjem wahda l-istess sakemm hadet il-pass u temmet ir-relazzjoni. Qabel m'ghamlet dan il-pass kienet bezghana hafna, ghaliex bdiet tibza li l-intimat ser jheddidha u jaghmel minn kollox biex icahhadha mit-tifla. Fit-12 ta' Awwissu 2018, l-intimat permezz ta' telefonata kien hedded lill-attrici li ser jtajjar lilha, lilu u lill-*partner* taghha u kien instab hati ta' dan nhar is- 7 ta' Frar 2019.

Il-*partner* attwalita' bintu huwa persuna li jrid biss l-ahjar ghall-attrici, jirrispettaha u jiehu hsiebha. Meta l-minuri tkun maghhom, kemm – il darba tkellmet maghhom illi tixtieq li tmur tghix m'ommha u tistaqsi anke ghal AM.

***Omm l-attrici JD, xehdet permezz ta' affidavit (vide fol 247 et seq)*** fejn ikkonfermat dak dikjarat minn zewgha.

***AM, il-partner tal-attrici xehed permezz ta' affidavit (vide fol 243 et seq***), fejn spjega illi r-relazzjoni tieghu u tal-attrici hija wahda stabbli u relazzjoni bejn l-attrici u l-minuri bintha hija wahda tajba hafna, b'dana illi l-attrici dejjem thares l-obbligi taghha fil-konfront ta' bintha. Hija tistinka biex it-tifla ma jkun jonqosha xejn u filfatt fir-residenza taghhom, il-minuri ghandha l-kamra taghha. Sostna illi hu kien ddispjacut u rrabjat b' dak li inghad dwaru mill-intimat. Xehed illi l-attrici kienet qasmet mieghu dak li kienet ghaddiet minnu fir-relazzjoni abbusiva taghha mal-intimat u kif l-intimat kien vjolenti lejha. Illi dak li gie ingustament allegat mill-intimat fuqu kellu konsegwenzi serji b'dana illi l-access tal-attrici ma setghax ikun fil-presenza tieghu, u dan wassal sabiex il-minuri ma tkunx tista taghmel *sleepover* mal-omm. Zied illi l-attrici ghandha relazzjoni tajba hafna maz-zewg uliedu. Sostna illi l-minuri wriet ix-xewqa mal-omm illi ma tibqax tghix mal-intimat missierha izda tixtieq tghix mal-omm.

***Charmaine Elshout, Kap tal-Iskola, Middle School Bormla, xehdet nhar is-27 ta' Gunju 2023 (vide fol 263 et seq)*** u spjegat illi t-tifla hija involuta f'sensiela ta' attivitajiet fi hdan l-iskola, izda ikun hemm perjodi fejn it-tifla tkun tidher xi ftit mitlufa waqt il-lezzjonijiet. Fir-rigward attendenza, il-minuri ghandha *record* ta' attendenza ta' 88%, b'dana illi kienet assenti mill-iskola ghal hdax (11)- il gurnata f'sena minghajr gustifikazzjoni. Ix-xhud spjegat illi kien hemm xi drabi fejn il-minuri ingabret kmieni mill-omm. Il-minuri dejjem tintbaghat bil-*lunches*, u kien hemm biss okkazzjoni wahda fejn il-minuri nesiet il-*lunch* warajha d-dar. Illi wara preokkupazzjonijiet da parti tal-omm, l-iskola ghamlet laqgha ma' entrambi genituri b'mod separat, u l-minuri kienet qieghda tigi segwita mill-qrib u rrizulta illi l-minuri dejjem kien ikollha l-*lunches* pero' ma kienitx tieklu ghaliex ma tantx thobb tiekol.

***L-attrici in kontro-ezami nhar is- 16 ta' Ottubru 2023, (vide fol 282 et seq)*** ix-xhud ikkonfermat illi l-access qieghed jigi ezercitat u l-manteniment qieghed jigi mhallas skond digriet tal-Qorti, u li l-unika kwistjoni li m'hemmx qbil fuqha hija r-residenza tal-minuri. Tishaq illi hi tixtieq illi r-residenza tal-minuri tinbidel, u l-minuri tibda tirrisjedi maghha.

Ix-xhud tikkonferma illi l-intimat kien jahdem ma tal-Asfaltar, u li ghadu jahdem mal-istess kumpanija sal-lum il-gurnata. Tikkonferma illi fil-bidu kien jahdem hinijiet twal ta' xoghol u kien jahdem mit-Tnejn sas-Sibt. Illi wara x-xoghol l-intimat ma kienx imur id-dar, imma kien dejjem jigri ma' shabu, il-garaxx jew ghand ommu u kien hemm drabi fejn kien jahdem ukoll ta' bil-lejl. Tishaq illi sakemm kienu flimkien, l-intimat darbtejn biss kkontribwixxa ghall-bzonnijiet tal-familja. L-attrici tichad illi z-zija tal-intimat kienet twassal lill-minuri l-iskola minn Wied il-Ghajn ghall-iskola taz-Zejtun.

L-attrici sostniet illi wara li jlesti mix-xoghol, l-intimat ma jkunx id-dar mal-minuri, ghaliex meta gieli marret hi ghaliha fis-sitta ma jkunx hemm ghaliex it-tifla tghidilha. Tishaq illi l-intimat ghadu jghix hajja ta' guvni ta' dsatax (19)- il sena. Mistoqsija dwar l-impjieg ta' missierha dak iz-zmien meta kienet ghadha tghix maghhom u meta kien jghinha finanzjarjament, l-attrici spjegat illi missierha xoghlu dejjem *dishwasher* jew *handyman.*

***L-intimat in kontro-ezami nhar it-22 ta' Novembru 2023 (vide fol 294 et seq)*** ikkonferma illi huwa ghadu jahdem mal-istess datur tax-xoghol u jahdem mis-sebgha (7) ta' filghodu sa l-erbgha (4) mit-Tnejn tal-Gimgha, u meta ma jkollux it-tifla mieghu, jahdem ukoll nhar ta' Sibt fuq bazi alternata. L-intimata jishaq illi hu ma jaghmilx *over time,* u lanqas ma ghandu xoghol fuq bazi *part-time* u meta t-tifla tkun mieghu generalment imorru jixtru, jew johorgu bid-ghajsa, jew jaghmlu affarijiet ta' kuljum. It-tifla tkun wahedha id-dar mis-7.00am sas-7.30am ta' filghodu, sakemm tigi biex titlaq ghall-iskola, u min x'hin tasal mill-iskola sakemm huwa jasal lura d-dar mix-xoghol. Illum it-tifla ghandha tnax (12) – il sena. Jichad li kien hemm istanzi fejn il-minuri thalliet wahedha mal-lejl. Isostni illi t-tifla qieghed jghallima ssajjar u jkun maghha meta tkun qieghda taghmel dan biex tkun indipendenti, biex anke wara li tigi mill-iskola, jekk ikollha aptit taghmel xi haga tkun tista taghmel dan.

Muri skambju ta' messaggi bejnhu u bejn il-minuri, ix-xhud jafferma illi l-iskambju ta' dawn il-messaggi ma sarux kif hemm indikat fis-siegha ta' filghodu anke ghaliex il-minuri qatt ma qamet issajjar dak il-hin. Izid illi l-minuri anke meta tkun ghall-access mal-omm ikollha l-*mobile* u lilu tibghatlu messaggi, izda l-intimat jishaq illi hu ma jafx bihom dawn il-messaggi skambjati mal-minuri fis-siegha u ghoxrin ta' filghodu u jishaq illi hu lit-tifla qatt ma jhalliha wahedha u jichad li hu kellu *partner* li kien jisimha Charlene. L-intimat jikkonferma illi l-minuri timxiha sal-iskola u meta tkun ix-xita jwassalha hu u jidhol tard ghax-xoghol bi qbil mal-imghallem tieghu. Mistoqsi ghalfejn fir-*record* tal-attendenza tal-minuri l-iksola kien hemm hdax (11)- il gurnata fejn il-minuri kienet assenti minghajr gustifikazzjoni, spjega illi kien hemm drabi fejn il-minuri

kellha c-ciklu, darbtejn fejn il-minuri ma marritx minhabba maltemp, u drabi ohra fejn il-minuri wriet ix-xewqa li ma tmurx l-iskola minhabba s-sitwazzjoni li kienet qieghda ssib ruhha fiha. Jikkonferma illi meta l-ommha ma jkollhiex access, il-minuri timxiha lura ghad-dar mill-iskola.

***GD, missier l-attrci in kontro-ezami nhar il-31 ta' Jannar 2024, (vide fol 313 et seq)*** u kkonferma illi sentejn ilu kien jirrisjedi Bormla, u jikkonferma illi bejn bintu u l-intimat hemm sentejn differenza fl-eta u li dak iz-zmien huma kienu jghixu il-Kalkara. Ix-xhud jikkonferma ukoll illi l-partijiet damu johorgu flimkien madwar hmistax (15)- il sena. Jishaq illi hu kien jaf lill-familja tal-intimat u kienu indunaw b'certu manjieri da parti tal-intimat li kienu koroh kemm ghall-intimat u anke fuq binthom. Sostna illi l-intimat anke lilu personali hedded, u dejjem kien iwerwer lil bintu. Afferma illi l-attrici dejjem kellha bzonn ghajnuna finanzjarja, specjalment minhabba l-kirjiet, minkejja li dak iz-zmien l-intimat kien jahdem, u ghandu amment li gieli sema lil bintu tghid li l-intimat kien jahdem mal-Asfaltar. Spjega illi llum hu m'ghandu l-ebda kuntatt mal-intimat, u ma jaf xejn dwaru. Ix-xhud ikkonferma illi wara li bintu kellha t-tarbija ma kienitx tahdem, izda llum qieghda tahdem.

Irrileva illi meta l-partijiet kien ikollhom l-argumenti hu kien joqghod zewg passi lura imma kien jipprova jikkalma l-affarijiet. Mistoqsi dear meta bintu bdiet ir-relazzjoni ma' AM, ix-xhud jindika illi ma jafx ezatt meta bdiet ir-relazzjoni taghhom, u jishaq illi l-intimat ma riedx li hu u martu jiltaqghu mal-minuri, jew li martu terfaghha ghaliex martu tpejjep minkejja li l-intimat ipejjep, u li din il-kwistjoni kienet tqajmet meta l-minuri kien ghad kellha ftit xhur.

***JD, omm l-attrici, prodotta in kontro-ezami nhar il-31 ta' Jannar 2024 (vide fol 322 et seq)*** u b'referenza ghall-affidavit taghha, ix-xhud ikkonfermat illi hi taf tikteb u taqra, Ix-xhud indikat illi ma tafx x'kiteb ir-ragel. Ix-xhud tishaq illi hi ma tafx fejn kienet marret u min kien ta il-gurament. Indikat illi hi kienet qrat l-affidavit ta' zewgha fuq fuq. Ikkonfermat illi hi dejjem kienet mara tad-dar, u kienu jghaddu xi haga tal-flus lill-attrici meta kien ikollha bzonn.

**Ikkonsidrat:**

Illi huwa ritenut fil-gurisprudenza taghna li f'sitwazzjonijiet bhal dawn ghandu jipprevali fuq kollox ***l-aqwa interess tal-minuri.*** [1] Fil-kawza ***Jennifer Portelli pro.et noe. vs. John Portelli***[2] intqal:

[1] Enfazi tal-Qorti.
[2] Deciza 25/06/2003 mill-Prim Awla tal-Qorti Civili Ċitazz Numru: 2668/1996/2RCP.

***Jinghad illi l-kura tat-tfal komuni [tal-mizzewgin], sew fil-ligi antika u sew fil-ligi vigenti, kif ukoll fil-gurisprudenza estera u f'dik lokali hija regolata mill-principju tal-aqwa utilita' u l-akbar vantagg ghall-interess tal-istess tfal li c-cirkustanzi tal-kaz u l-koefficjenti tal-fatti partikulari tal-mument ikunu jissuggerixxu. Illi in konsegwenza, ir-regola sovrana fuq enuncjata ghandha tipprevali dwar il-kustodja u l-edukazzjoni tat-tfal komuni tal-mizzewgin sew meta jisseparaw ruhhom ġudizzjarjament, sew meta jiġu biex jisseparaw konsenswalment.***

Fis-sentenza fl-ismijiet ***Maria Dolores sive Doris Scicluna vs Anthony Scicluna*** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-27 ta' Novembru 2003 intqal illi:

*"**apparti l-ħsieb ta' ordni morali u dak ta' ordni legali, li għandhom setgħa fil-materja ta' kura u kustodja tat-tfal in ġenerali, il-prinċipju dominanti 'in subjecta materia', li jiddetermina normalment u ġeneralment il-kwistjonijiet bħal din insorta f'dina l-kawża, huwa dak tal-aktar utilita' u dak tal-aqwa vantaġġ u nteress tal-istess minuri fl- isfond taċ-ċirkostanzi personali u 'de facto' li jkunu jirriżultaw mill-provi tal-każ li jrid jiġi riżolut..."***

Illi fil-kawża fl-ismijiet ***Susan Ellen Lawless vs. Il Reverendo George Lawless***[3]**,** il-Qorti kienet qalet illi:

***La cura ed educazione dei figli, nel caso che la moglie non continua ad abitara col marito, deve essere commessa ed affidata a colui frai u conjugi che si rinconoscera piu atto ed idoneo a curarli ed educarli, avuto riguardo alla lora eta' ed a tutte le circostanza del caso sotto quei provvedimenti che si reputino spedienti pel vantaggio di tali figli.***

Illi l-Qorti ghaldaqstant ghandha s-setgha illi jekk ikun fl-ahjar interess tal-minuri, tafda wiehed biss mill-genituri bil-kura u l-kustodja tal-minuri u dana ai termini tal-Artiklu 56 tal-Kodici Civili.[4] Illi kif kellha l-okkazjoni ttenni din il-Qorti diversi drabi, l-interess tal-minuri huwa iprem mid-drittijiet tal-genituri. Illi fid-decisjoni ta' din il-Qorti diversament presedita fis-

[3] Deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fil- 8 ta'Dicembru 1858.
[4] Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

sentenza fl-ismijiet: ***Frances Farrugia vs. Duncan Caruana***, deċiża fil-31 ta' Mejju 2017:[5]

> ***Il-Qorti tirrileva illi filwaqt li dejjem taghti piz ghad-dritijiet tal-genituri, l-interess supreme li zzomm quddiemha huwa dejjem dak tal-minuri kif anke mghallma mill-gurisprudenza kostanti taghna hawn 'il fuq iccitata.***

In tema legali ssir referenza ghall-kawza fl-ismijiet: ***Cedric Caruana vs Nicolette Mifsud***[6] fejn il-Qorti enfasizzat li fejn jidhlu l-minuri:

> ***'huwa ta' applikazzjoni assoluta l-Artiklu 149 tal-Kap 16 li jaghti poter lill-Qorti taghti kwalsiasi ordni fl-interess suprem tal-minuri. Fil-fehma tal-Qorti, l-Artiklu 149 tal-Kap 16 jaghmilha cara illi fejn jikkoncerna l-interess suprem tal-minuri, idejn il-Qorti m'hiex imxekla b'regoli stretti ta' procedura… fejn jidhlu d-drittijiet u l-interess suprem tal-minuri il-Qrati taghna ghandhom diskrezzjoni wiesgha hafna…. Addirittura l-Qorti tal-Familja ghandha s-setgha li tiehu kull provvediment fl-ahjar interess tal-minuri.'***[7]

Fi kliem il-Qorti tal-Appell fis-sentenza fl-ismijiet: ***L Darmanin vs Annalise Cassar***:[8]

> *"…….meta tigi biex tiddeciedi dwar kura u kustodja ta' minuru, il-Qorti ma ghandhiex* ***tkun iddettata u kondizzjonata mil-meriti u dimeriti tal-partijiet 'ut sic' izda biss x'inhu l-ahhjar interess tal-minuri".***[9]

Din il-Qorti taghmel referenza ghall-pronunzjament tal-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) fid-decizjoni tagħha tal-25 ta' Novembru 1998 fl-ismijiet: ***Sylvia Melfi vs. Philip Vassallo*** irriteniet li:

> ***In this case the Court must seek to do what is in the sole interest of the minor child in its decision whether the care and custody of the child should be given to one parent or the other the Court must solely be guided by what is most beneficial to the child [...] The Court should at all times seek the best interests of the child***

---

[5] Vide Rikors Ġuramentat 268/11AL.
[6] Deciza mill-Qorti tal-Appell nhar l- 4/3/2014.
[7] Vide A sive BC vs D sive EC deciza 30/6/2015 u Joseph Micallef vs Lesya Micallef deciza 14/12/2018.
[8] Deciza mill-Qorti talAppell fil-31 ta' Ottubru 2014.
[9] Enfazi tal-Qorti.

> ***irrespective of the allegation, true or false, made against each other by the parties. Such allegations often serve to distance oneself from the truth and serve to render almost impossible the search of the Court for the truth. This is why it is the duty of the court to always look for the interests of the child. Exaggerated controversies between the parties often make one wonder how much the parents have at heart the interest of their children. Sometimes parents are only interested at getting at each other and all they want is to pay back the other party through their minor child.***

Illi din il-Qorti taghmel taghha b'mod partikolari l-insenjament tal-Qorti tal-Appell fil-kawza fl-ismijiet: ***Miriam Cauchi vs Francis Cauchi*** deciza fit-3 ta' Ottubru 2008 fejn gie korrettement osservat illi:

> ***"Din il-Qorti tibda biex taghmilha cara li, fejn jidhlu minuri, m'hemmx dritt ghall-access, izda obbligu tal-genituri li t-tnejn jikkontribwixxu ghall-izvilupp tal-minuri li,ghal dan il-ghan, jehtigilha jkollha kuntatt ma' ommha u anke ma' missierha. Kwindi lil min jigi fdat bil-kura tal-minuri u kif jigi provdut l-access jiddependi mill-htigijiet tat-tifla u mhux mill-interess tal-genituri.[10] Huma l-genituri li jridu jakkomodaw lit-tfal, u mhux viceversa. L-importanti hu l-istabilita' emozzjonali tat-tifla, u li din jkollha kuntatt mal-genituri taghha bl-anqas disturb possibbli."***

**Ikkonsidrat:**

Illi din hija sentenza wara proceduri intavolati mill-attrici omm fejn qieghda titlob illi tigi fdata bil-kura u kustodja esklussiva tal-minuri u li r-residenza primarja tal-minuri ma tibqax aktar mal-missier izda tkun mal-omm.

Illi jirrizulta illi l-partijiet kellhom relazzjoni intimat u li minn din ir-relazzjoni twieldet il-minuri SH nhar X u dan kif jirrizulta mic-certifikat tat-twelied a fol 6 tal-atti. Illi l-minuri dis-sena taghlaq tlettax (13) – il sena u qieghda fit-tieni sena tal-iskola sekondarja. Illi fil-prezent il-minuri tirrisjedi mal-missier filwaqt li l-omm ghandha access tal-istess minuri.

Illi l-Qorti tosserva illi r-residenza primarja tal-minuri hija l-unika vertenza pendenti bejn il-partijiet, b'dana illi tul dawn l-ahhar snin, l-access u l-manteniment tal-minuri dejjem gie

---

[10] Enfazi tal-Qorti.

ezercitat b'mod regolari u minghajr diffikultajiet, u l-manteniment dejjem thallas.

Illi din il-Qorti wara li regghet ezaminat l-atti kollha tal-proceduri odjerni; dawk tal-medjazzjoni li b'ordni tal-istess Qorti jinsabu allegati mal-atti tal-proceduri odjerni; ir-rapporti tal-Haddiema Socjali inkarigati mill-kaz u t-testimonjanzi in atti, tqis illi din il-Qorti, hija fid-dover illi tikkunsidra u tiddetermina l-ewwel u qabel kollox dak li huwa primarjament fl-ahjar interess tal-minuri u dan irrispettivament minn dak li jixtiequ il-genituri. Il-Qorti ttenni illi hija ser tiddisponi mit-talbiet odjerni billi ggib quddiem ghajnejha l-ahjar interess tal-minuri bint il-partijiet.

Il-Qorti tosserva illi tul il-mori, il-professjonisti dejjem kienu inekviwoci fuq il-fatt li l-minuri ghandha relazzjoni tajba kemm mal-missier u kemm mal-omm, illum il-gurnata il-minuri hija konxja li ommha u missierha qatt ma jistghu jerghu jinghaqdu flimkien, u llum accettat dan l-istat ta'fatt u kif indikat fir-rapport mhejji mill-haddiema socjali datat 1 ta' Frar 2023 *a fol* 256. Din il-Qorti rat illi mal-haddiema socjali il-minuri ma esprimiet l-ebda preokkupazzjonijiet dwar il-presenza tal-*partner* tal-omm u dan kuntrarjament ghat-titubanza li l-minuri kienet timmanifesta fil-passat. Din il-Qorti hadet ukoll konjizzjoni tal-fatt illi l-minuri qieghda dejjem turi x-xewqa li tqatta' iktar hin mal-omm, u filfatt din il-Qorti *pendente lite* kienet varjat l-access originali ordnat u rat ukoll illi f'entrambi residenzi l-minuri ghandha kamra appozita ghaliha.

Fi kliem il-Qorti tal-Appell fis-sentenza fl-ismijiet: ***L Darmanin vs Annalise Cassar***:[11]

> *"…….meta tigi biex tiddeciedi dwar kura u kustodja ta' minuru, il-Qorti ma ghandhiex* ***tkun iddettata u kondizzjonata mil-meriti u dimeriti tal-partijiet 'ut sic' izda biss x'inhu l-ahhjar interess tal-minuri".***[12]

Din il-Qorti taghraf illi l-minuri qeghda f'eta' kritika tal-addolexxenza u indubjament ghandha bzonn il-presenza ta' entrambi genituri, illi pero' din il-Qorti ma tqisx illi jkun fl-ahjar interess tal-minuri illi wara tant snin, tordna lill-minuri tigi rimossa mir-residenza tal-missier u mill-lum ghal ghada tirriloka ghar-residenza tal-omm u tal-*partner* tal-omm specjalment f'dan il-perjodu meta l-minuri qieghda tersaq ghall-O-levels. Illi mix-xhieda tal-Kap tal-Iskola ta' fejn tattendi l-minuri ma jidhirx illi minn naha tal-iskola hemm xi preokkupazzjonijiet dwar il-minuri, jew il-kura tal-istess mill-missier, u filwaqt illi irrizulta illi l-minuri ma ntbatix skola ghal hdax (11)-il gurnata minghajr gustifikazzjoni fuq medda ta' sena skolastika, din il-Qorti tosserva ukoll illi

[11] Deciza mill-Qorti talAppell fil-31 ta' Ottubru 2014.
[12] Enfazi tal-Qorti.

mix-xhieda tal-istess Kap tal-Iskola, il-minuri ingabret diversi drabi kmieni mill-omm, u ghal dan il-fatt ukoll ma ngabet l-ebda gustifikazzjoni.

Illi hija l-fehma konsiderata ta' din il-Qorti illi tali bidla daqstant drastika tohloq biss instabbilita' f'hajjet il-minuri, specjalment meta fil-futur approssimattiv, tali decisjoni ser tkun decisjoni li l-minuri tkun tista' taghmel wahedha. Filwaqt li din il-Qorti taghraf illi mill-messaggi ezebiti mill-attrici, qieghed jigi allegat li l-minuri qieghda tithalla wahidha mal-lejl, il-minuri ma semmiet xejn minn dan Haddiema Socjali meta giet mitkellma l-iskola u lanqas ma esprimiet xi preferenza partikolari dwar ir-residenza taghha b'dana illi il-minuri stqarret mal-Haddiema Socjali illi hi tixtieq li taghmel lejl ma' missierha u lejl ma' ommha.

Fir-rigward il-messaggi in kwistjoni, din il-Qorti taghraf illi sett messaggi huma mibghuta minn *Whatsapp,* filwaqt li sett iehor jidher li huma mibghuta minn applikazzjoni ohra kif jidher mill-*interface*. Filwaqt li l-messaggi rigward t-tisjir huma datati 3 ta'Marzu 2023, il-messaggi a fol 307 jirrisalu ghat-13 ta'Marzu 2022, u jidher li intbaghtu mal-lejl. Tosserva ukoll illi isem l-intimat qieghed indikat b'mod differenti fiz-zewg settijiet ta' messaggi skambjati, b'dana illi n-numru telefonici relattivi ma gewx indikati.

Illi din il-Qorti taghmel taghha ir-rakkomandazzjonijiet tal-Haddiema Socjali hekk kif indikati fir-rapport *a fol 256* u tordna illi filwaqt li r-residenza primarja tal-minuri ghandha tibqa mal-missier tul is-sena skolastika, bi dritt ta' access versu l-omm kif diga ordnat, b'dana illi l-access tal-omm mid-data ta' din is-sentenza jista'jsir fil-presenza tal-*partner* tal-omm u cioe AM. Illi *di piu'* din il-Qorti tordna illi l-minuri, tul il-vaganzi tas-Sajf, ghandha tqatta' gimgha kull xahar ghand ommha u gimgha fil-vaganzi tal-Ghid u gimgha fil-vaganzi tal-Milied b'mod aternat b'dana illi l-minuri tqatta' Milied u l-Ghid ma genitur sena wahda u genitur l-iehor s-sena sussegwenti. Il-manteniment dovut lill-missier ghandu jigi mnaqqas pro-rata.

Fir-rigward manteniment, il-principju legali tal-manteniment tal-ulied huwa msejjes fuq l-artikolu 7(1) tal-Kodiċi Ċivili li jipprovdi:

> ***"Il-genituri ghandhom l-obbligu li jiehdu hsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lil uliedhom bil-mod stabbilit fl-artikolu 3B ta' dan il-Kodici."***

Kif jirrizulta mid-dispozizzjonijiet tal-Ligi, il-genituri ghandhom l-istess obbligu versu l-ulied tagħhom, u b'hekk iz-zewg genituri ghandhom jikkontribwixxu ghat-trobbija tal-ulied. L-

obbligu taz-zewg genituri lejn l-ulied huwa kull wiehed skond il-mezzi tieghu, ikkalkulati skont il-bżonnijiet tal-artikolu 20 tal-Kodici Civili.

L-artikolu 20 tal-Kodiċi Ċivili jipprovdi illi:

***(1) Il-manteniment għandu jingħata skont il-bżonn ta' min jitolbu u l-meżżi ta' min għandu jagħtih.***

***(2) Fl-istħarriġa sabiex jinsab jekk min jitlob il-manteniment jistax jaqalgħu xort' oħra, għandu jittieħed qies ukoll tal-ħila tiegħu fl- eżerċizzju ta' xi professjoni, arti jew sengħa.***

***(3) Meta jitqiesu l-meżżi ta' min hu obbligat għall-manteniment, għandu jingħad biss il-qliegħ tiegħu mix-xogħol tal-professjoni, arti jew sengħa, is-salarju jew il-pensjoni tiegħu mogħtija mill-Gvern jew minn ħaddiehor, u tal-utli tal-beni, sew mobbli u kemm immobbli u kull dħul li jinħoloq taħt trust.***

***(4) Ma jitqiesx li għandu meżżi biżżejjed biex jagħti l-manteniment min ma jistax jagħtih ħlief billi jilqa' f'daru l-persuna li titlob dak il- manteniment, jekk din il-persuna ma tkunx axxendent jew dixxendent.***

***(5) Meta jitqiesu l-meżżi ta' min jitlob il-manteniment, għandu jittieħed qies ukoll ta' kemm jiswew il-beni tieghu mobbli jew immobbli kif ukoll ta' kul interess beneficcju taht trust.***

Kif ritenut fil-gurisprudenza:

***...........Il-Qorti dejjem irriteniet illi l-ġenituri ma jistgħux jabdikaw mir-responsabilita` tagħhom li jmantnu lil uliedhom materjalment, hu kemm hu l-introjtu tagħhom. Dejjem kienet tal-fehma illi kull ġenitur għandu l-obbligu li jmantni lil uliedu anke jekk il-meżżi tiegħu huma baxxi jew jinsab diżokkupat. Il-Qorti ma tista qatt taċċetta li persuna ġġib it-tfal fid-dinja u titlaq kull responsabbilta` tagħhom fuq il-ġenitur l-iehor jew inkella fuq l-istat." (Ara Tiziana Caruana vs Redent Muscat (272/2018) deċiża mill-Prim' Awla Qorti***

***Ċivili fl-24 ta' Ġunju 2019; Liza Spiteri vs Luke Farrugia (219/2018) deċiża mill-Prim' Awla Qorti Ċivili fit-2 ta' Ottubru 2019).***

Fil-każ Portelli Jennifer pro et noe vs Portelli John (Rik. Nru. 2668/1996) deciz mill-Prim' Awla Qorti Ċivili fit-2 ta' Ottubru 2003, inghad hekk:

> ***".......l-obbligu taż-żewg ġenituri lejn l-ulied jibqa' bażikament l-istess dettat kull wieħed skont il-meżżi tiegħu, ikkalkulati skont id- dispozizzjonijiet tal-Artikolu 20 tal-istess Kap u l-bżonnijiet tal-minuri, u fl-interess tal-istess minuri."***

Relevanti wkoll huwa dak li ingħad fis-sentenza fl-ismijiet ***Marina Galea vs Mario Galea*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-31 ta' Jannar 2019:

> ***"Il-manteniment tat-tfal, fil-verita` izjed milli dritt tal-ġenitur li qed irabbihom, huwa dritt tat-tfal minuri li ma jisfawx mċaħħdin minn dawk l-affarijiet li d- dinja tal-lum tikkunsidra bħala neċessita` għall-edukazzjoni u għall-iżvilupp tagħhom."***

Din il-Qorti tosserva illi permezz ta' digriet *pendente lite* datat 17 ta' Awwissu 2018, fl-atti tal-ittra bin-numru 354/2018 din il-Qorti kif diversament preseduta ordnat lill-attrici tivversa s-somma ta' mitejn euro (EUR 200) fix-xahar bhala manteniment ghall-minuri, oltre nofs l-ispejjes ta'sahha u edukazzjoni. Illi kif rilevat fit-trattazzjoni, dana l-ammont, u kif ukoll sehem l-attrici mil-ispejjes dejjem thallsu. Illi din il-Qorti tqis illi l-manteniment ghandu jizdied ghal mitejn u hamsin euro (EUR 250) fix-xahar. Illi dana l-ammont ghandu jigi vversat lill-intimat missier f'kont bankarju indikat mill-istess intimat ghal dan l-iskop, Di piu' l-attrici ghandha thallas nofs l-ispejjes ta' sahha, edukazzjoni u attivita unika extra-kurrikulari. Illi l-manteniment ghandu jizdied kull sena skond l-indici tal-gholi tal-hajja.

**Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi filwaqt li tichad it-talbiet tal-attrici limitatament hekk kif indikati fir-rikors promotur filwaqt li tilqa' t-talbiet tal-intimat kollha hekk kif indikati fil-kontro-talba ghajr talba numru 4 tal-istess kontro-talba b'dana illi:**

1. **Tordna illi r-residenza primarja tal-minuri ghandha tibqa' mal-missier, waqt li l-kura u kustodja tal-minuri tkun wahda kongunta bejn il-partijiet;**
2. **Tordna illi l-omm ghandu jkollha access versu l-minuri darbtejn fost il-gimgha kif**

**precedentement ordnat, u *sleep over* fil-*weekend*, fuq bazi alternata kif indikat fl-udjenza tat-13 ta' Frar 2023 (vide verbal a fol 255), liema access jista jsir fil-presenza tal-*partner* tal-omm, AM;**

3. **Illi di piu tordna illi l-minuri, tul il-vaganzi tas-Sajf, ghandha tqatta' gimgha kull xahar ghand ommha u gimgha fil-vaganzi tal-Ghid u gimgha fil-vaganzi tal-Milied b'mod alternat b'dana illi l-minuri tqatta' Milied u l-Ghid ma genitur sena wahda u genitur l-iehor s-sena sussegwenti. Il-manteniment dovut lill-missier ghandu jigi mnaqqas pro-rata.**
4. **Tordna illi l-attrici ghandha tivversa manteniment ghall-minuri fl-ammont ta' mitejn u hamsin euro (EUR 250) fix-xahar. Illi dana l-ammont ghandu jigi vversat lill-intimat missier f'kont bankarju indikat mill-istess intimat ghal dan l-iskop. Di piu' l-attrici ghandha thallas nofs l-ispejjes ta' sahha, edukazzjoni u attivita unika extra-kurrikulari fi zmien ghaxart ijiem mill-konsenja tar-ricevuti relattivi. Illi l-manteniment ghandu jizdied kull sena skond l-indici tal-gholi tal-hajja;**
5. **Tordna illi kwalunkwe beneficcji socjali relatati mall-minuri ghandhom ikunu percepiti mill-intimat missier.**

**L-ispejjes ghandhom ikunu zewg terzi soportati mill-attrici u terz mill-intimat.**

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**